MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2007

Numru 706/2007

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

Vs

Clint Tanti

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ identita’ numbru 214383(M), akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn il-21 u 22 ta’ Awissu 2007 ghal habta ta’ xi nofs il-lejl waqt li kien fl-inhawi ta’ Sur San Pawl, Bormla, fl-Ghassa tal-Pulizija, Bormla u fl-inhawi ta’ Rahal Gdid:

1. Ingurja, heddet, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Ps 440 K. Vella Gregory, Pc 791 J. Borg u Pc 215 C. Zahra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz jew bil- hsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi

fuqhom kontra l- ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal- kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna tal-istess Ps 440 K. Vella Gregory, Pc 791 J. Borg u Pc 215 C. Zahra, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qieghedin jagixxu ghal-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordin moghtija skond il-Ligi minn Awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa Ps 440 K. Vella Gregory u Pc 215 C. Zahra, skond ma ccertifika it-tabib Dr. Daryl Xuereb MD (Reg 2969) mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f' dagha u dan bi ksur tal- artikoli 338 (bb) u 342 tal- Kap. 9 tal-Ligiejiet ta' Malta;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra l-persuni ta' Ps 440 K. Vella Gregory, Pc 791 J. Borg u Pc 215 C. Zahra u ta' ommu Josephine u missieru Carmelo sabiex jingurjahom, iddejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal- artikolu 339 (d) tal- Kap.9 tal- ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti tghatu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jirreferu kemm ghal reati taht l-Artikolu 96, 95(1) u 221 tal- Kapitolu 9, u kemm ghall-kontravenzjonijiet taht l-Artikolu 338(dd), 338(bb), 342 u 339(d) tal-imsemmi Kapitolu 9 ghal dawn ir-reati u kontravenzjonijiet l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Illi r-reati huma per se gravi izda fic-cirkostanzi hi l-fehma tal-Qorti li ma jisthoqilhomx piena ta' prigunerija effetiva.

Illi din il-Qorti qeghdha tissofferma fuq dan wara li rat l-istqarrija tal-imputat. Lanqas mhi tal-fehma li ghadha tadotta l-garanzija taht l-Artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9. ghalhekk, u wara li rat l-Arikoli tal-ligi fuq imsemmija u l-Artikolu 17 tal-istess Kapitolu 9, tiddecidi li tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tac-citat Kapitolu 9 qeghdha tissospendi ghall-perjodu ta' sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkomettix reat iehor fil-perjodu operattiv.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------